MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 331/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Francis Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Francis Formosa ta' 36 sena iben Francis u Josephine nee' Gatt mwieled Pieta fid-19 ta' Settembru 1970 u residenti 267 Triq F S Caruana B'Kara, ID 409470 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-dri 2012

(a) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet lill-imputat jiddikjara li ma jridx l-assistenza tal-avukat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fatt li kkopera mal-pulizija u li l-fedina penali aggornata sat-3 ta' Ottubru 2007 mhix felici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Jannar 2013. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut

minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------